# IL-MELLIEĦA TARD FIL-MEDJUEVU
## minn John Bezzina

**Parroċċa Ferm qabel l-1436**

Snin sew qabel l-1436, il-Mellieħa kienet diġa' Parroċċa, u kienet rat żminijiet aħjar minn dawk bejn l-1436-1575. Tard fil-Medjuevu, għandna f'moħħna is-snin bejn l-1360-1419, il-qagħda tal-Mellieħa kienet ferm aktar soda minn dik wara l-1436. Qed nużaw l-espressjoni 'Snin sew qabel l-1436', għaliex biex ġiet mgħollija Parroċċa, kien hemm diġa' popolazzjoni imdaqqsa sew, għalkemm imferxa 'l hemm u 'l hawn fil-limiti kbar li kienet tħaddan.

**X'Ġara bejn l-1419 u l-1480**

Xi darba bejn l-1419 u l-1480 ġrat xi waħda kbira fuq il-Mellieħa u l-idwar tagħha, b'riżultat li s-Sibbien ħafnu l-parti il-kbira tal-popolazzjoni tagħha u dawk li ħelsuha iritiraw 'il ġewwa lejn il-Mosta, in-Naxxar u mkejjen oħra ta' Malta, tant li din il-parti ta' Malta minn Wied il-Għasel u t-Tarġa, sal-Qammieħ u l-Aħrax tal-Mellieħa bdiet tiġi magħrufa bħala il-**"Parti disabitata ta' Malta".**

**Limiti tal-Mellieħa**

Wied il-Għasel, minn Baħar iċ-Ċagħaq saċ-'Chadwick Lakes' qisu 'Fossat' li jifred l-irħula ta' Malta u l-Imdina, mill-parti taħtana lejn il-Punent wit-Tramuntana. L-istess belt u irħula kienu wkoll mifrudin mit-TARĠA li mill-Madliena sa Binġemma taqsam il-Malta fit-tnejn.

Il-limiti tal-Mellieħa sa l-1575 kienu jibdew minn xifer il-Baħar taħt il-Qammieħ wiċ-Ċirkewwa u max-xatt ix-xatt jiġbdu lejn l-Aħrax tal-Mellieħa, jibqgħu jduru ma' l-Għadira, S. Pawl il-Baħar, Buġibba, il-Qawra u is-Salina, sa Wied il-Għasel 'il barra mill-Mosta u jibqgħu telgħin għaż-Żebbieħ, l-Imġarr u Għajn Tuffieħa u jibqgħu jduru mal-kosta saċ-Ċumnija taħt il-Qammieħ. Fuq il-Qammieħ kien hemm il-GUDJA mnejn l-għassiesa setgħu jishru lejn il-Fliegi.

**Rħula Żgħar**

F'qatgħa daqstant kbira ta' art, kien hemm imferrxin għadd ta' ħariet imgħammra, 'rħula żgħar kull wieħed bi ftit familji, ilkoll madwar u qrib l-OQSMA li fihom kienu jaħdmu lis-"SINJUR" (lil Fewdatur). L-irħula fil-limiti tal-Mellieħa bejn l-1361 u l-1575 kienu dawn: (1) Il-Mellieħa infisha, (2) L-Gherien tal-Manikata (fuq ir-Riħ tal-Pwales u Għajn Tuffieħa), (3) Għajn Stas, (4) Il-Wardija, (5) S. Pawl il-Baħar (6) Ta' Budac (fl-inħawi tal-Magħtab), (7) Buċelli, (8) Maricatu, (9) Ħal Dragu (magħruf ukoll bħala Ħal Mula qrib Għajn Rihana), (10) Ġebla Gazara (jew Għassara?). (11) il-Wardija, (12) Benwarrad, (13) Ħal Qadi, (14) Għajn Rihana, (15) Bise, (16) Dimag (Ħal Dmiegħ?) u (17) Raħal Għattar.

**L-Oqsma**

Minn tat-Tarġa sal-Mellieħa kien hemm ilma kemm trid u l-art hija għammiela, kien hemm għadd ta' Oqsma, l-aktar Oqsma li kienu jirrendu dħul lis-Slaten, u jew lil Fewdaturi u 'Secreti' ta' Malta u minn xi daqqiet anke ta' għonja jew nies ta' setgħa Għawdxin.

Kienu dawn l-oqsma il-ħtija, li trawwmu daqstant irħula żgħar madwarhom, ilkoll fil-limiti tal-Mellieħa, u dawn l-oqsma kienu f'idejn l-aktar nies ta' Setgħa fil-gżira, nies ta' rebgħa kbira, nies li sa kienu **'jerdggħu il-mudullun tal-għadam"**, ta' dawk li kienu jaħdmulhom fl-oqsma tagħhom, l-hekk imsejjħa "Villani Curie", li bil-familji tagħhom kienu kostretti jrawwmu u jrabbu l-familji tagħhom qrib il-qasam, fis-sekli erbgħatax u ħmistax.

**Fejn kienu l-oqsma?**

L-eqreb qasam lejn tat-Tarġa kien il-FEWDU de BENIARRATU (BenWarrad jew Burmarrad ta' llum), Liema qasam fit-8.6.1361 insibuh f'idejn Jacobus de PEREGINO, li kien jiġi jew aħjar imħallat mal-familja ta' Aragona.

Fl-24 ta' Frar 1398 insibuh f'idejn INGUS VACCARUS, ħuh Pinu u l-Għawdxi Antonio La BARBA. Sena wara fit-2.11.1399 insibuh f'idejn Nicolaus de Franco alias Auri.

It-tieni qasam kien dak Ta' AYNTIFACHA (Għajn Tuffieħa), li fis-17 ta' Ġunju 1361 kien f'idejn Johannes de SANCTA SOPHIA, fit-22 ta' Mejju 1399 f'idejn Johannes de AREXULA, u dam f'idejh is-snin, sakemm fis-7.12.1428 insibuh f'idejn ibnu Mattew, u fis-6 ta' Ottubru 1446 f'idejn Inigus de GUIVARA, dan kien Konti ta' Ariano, Kastellan tal-Birgu u Secreto ta' Malta.

Il-Qasam ta' BUĊELLI, li kien bejn Għajn Tuffieħa u Għajn Ṣtas, fit-12 ta' Novembru 1372 kien mgħoti għal ċens ta' żewġt tomniet qamħ lil NICOLAUS PICHE QASSIS U KAPPILLAN IRJALI. Dan il-Kappillan kien ta' oriġini Sirakusana.

IL-QASAM ta' Haynastasi (Għajn Stas) fit-12 ta' Novembru 1372, kien f'idejn Johannes de PEREGRINO, għal ċens ta' quint mill-uċuħ. Johannes kien ħu Giacomo li kien miżżewweġ lil Katerina ta' Aragona li kellha wkoll il-Qasam tal-Lunzjata fir-Rabat t'Għawdex. Din ta' l-aħħar kellha bħala rettur tal-knisja tal-lunzjata lil D. Ruggiero Saguna, Kappillan Irjali ta' S. Anġlu wil-Birgu. Giocomo Peregrino kien jieħu ħsieb jiġbor u jibgħat it-taxxi lir-Re. Fis-sena 1366 bagħat lill-'Curia' madwar 3,000 fjorin (700 uqija).

Il-Qasam ta' BUDAK fl-inħawi tal-Magħtab, fis-6 ta' Frar 1398, ingħata lil Johannes de OLESIA. Dan il-qasam kien ġie konfiskat lil Symon la BARBA. Fl-1408 insibuh f'idejn Antoni DESGUANES.

Il-Qasam ta' SALAMUNI (Selmun) fl-1409 kien f'idejn Johannes de CARRETTO.

Il-Qasam La GUARDIA (Il-Wardija), fis-17 ta' Mejju 1437 insibuh f'idejn Jacobus de CARDONA ta' Sirakusa. Dan Cardona kien negozjant Katalan li kien joqgħod Sirakusa u fl-1448 għal 20 uqija mgħotija lilu f'daqqa minn Stephanus de PERERA (Kaptan ta' Malta fl-1456-57) tah il-qasam tal-Wardija u intrabat li jagħti sitt uqijat fis-sena. Fis-sena 1460 l-istess qasam insibuh f'idejn is-Secreto ta' Malta de Guevara.

Minbarra dawn insibu li artijiet fil-Mellieħa infisha bħal Ġnien Żejtuna u Ġnien Ingraw Ghajn Żnuber kienu wkoll f'idejn Antonio u Angarao Inguanez, u mhux darba jew tnejn il-Melleħin qamu għaliex ta' Inguanez kienu qed jusurpaw artijiet aktar u akbar minn dawk li kienu tawhom is-Slaten. Minn dan kollu naraw kemm kienu importanti l-oqsma fil-limiti tal-Mellieħa u li dawn l-oqsma kienu jbiddlu l-idejn spiss, imma dejjem f'idejn nies li fil-mument kellhom setgħat Ċivili u Militari, u l-biċċa l-kbira minnhom kienu ta' oriġini barranija, għalkemm uħud minnhom twieldu hawn minn ġenituri barranin.

**Ħjiel tal-Popolazzjoni**

Dr. Godfrey Wettinger, fl-Arkivju tal-Kattidral, irnexxielu jsib żewġt listi li jmorru lura għas-seklu XV. Waħda minnhom, l-eqdem, tmur lura għas-snin 1419-1420, u hija lista ta' dawk il-Maltin fil-Milizzja, li kienu preżenti għal waħda mill-Laqgħat tal-Kunsill tal-Belt. Din il-lista fiha 1,670 isem fosthom 57 Lhudi,lista dettaljata immens, li fiha inklus ukoll mnejn kienet kull persuna, żgħir kemm kien żgħir l-irħajjel.

It-tieni lista hija lista tal-Angara, ċioè dawk in-nies li bla ħlas kienu obbligati jaħdmu fit-tiswija tas-swar u xogħol ieħor pubbliku. Din il-lista tmur lura għal 1480, fiha 'mniżżla 1,466 nisrani u 52 Lhudi,imma f'din il-lista ħdejn l-ismijiet hemm imniżżla biss l-ismijiet tal-irħula il-kbar. Il-ħariet u l-irħula żgħar ma jissemmewx.

Dak li laqatna fl-ewwel lista huwa li għalkemm mill-Mellieħa bħala Mellieħa fil-lista tal-Milizzja ma tissemma l-ebda persuna (fatt li jista' jindika li l-popolazzjoni kienet diġà warrbet minn hemm), mill-limiti tagħha 'nsibu li mill-1670 ruħ elekati 31 minnhom kienu minn Ħal Dragu, Gazara, Marikatu, filwaqt li miż-żewġt irħula żgħar oħra jiġifieri Bise u Dimag insibu 28 persuna,b'kollox 59 ruħ. Tal-Mosta ma għoddejnihomx. Li kieku kull persuna tirrappreżenta kap ta' familja u kull familja kienet komposta minn missier, omm u tliet ulied għandna popolazzjoni ta' 259 ruħ.

Li laqatna wkoll hu li għalkemm ma tissemma l-ebda persuna mill-Mellieħa infisha, insibu persuni b'kunjomhom Mellechi, kemm fin-Naxxar u Ħal-Lija, filwaqt li fl-1480 insibuh f'Ħal Lija, Ħal Bordi wir-Rabat, ħaġa li donna tindika wkoll iċ-ċaqlieq tal-Melleħin lejn l-intern tal-gżira. Kunjom ieħor jew laqam hu

'Bugibba' li kemm fl-1419 u kemm fl-1480 niltaqgħu miegħu f'Ħal Luqa u Ħal Farruġ (żewġt irħula ħdejn xulxin) fil-qalba ta' Malta.

Iżda bla dubju ta' xejn fl-oqsma li semmejna u li kienu ilkoll fil-limiti tal-Melliħa, kien hemm għadd imdaqqas ta' ħaddiema, (Vassalli) imferrxin fl-irħula żgħar li semmejna huma ilkoll fil-limiti tal-Mellieħa. Dan huwa wkoll imsaħħaħ mill-għadd kbir ta' knejjes 'l hemm u 'l hawn fl-istess ċirku. Hemm indikazzjonijiet li fil-Mellieħa u fl-idwar tagħha kien hemm 26 knisja. Għal-lum ser insemmu dawn il-knejjes u fejn kienu, lil min kienu dedikati,minghajr ma nagħtu dettalji dwarhom, għaliex l-iskop ta' kitba oħra tagħna jkun: Għaliex dawn il-knejjes kienu dedikati li dawn il-qaddisin? Ta' min u ta' x'hiex kienu Ħarriesa jew patruni? Għaliex inbnew fejn inbnew?

**Knejjes tal-Bieraħ u tal-Lum Mibnija f'Dawk li kienu limiti tal-Mellieħa sa l-1575.**

Ir-Rapport taż-Żjara Pastorali ta' Mons.Pietru Dusina tal-1575 jelenka il-knisja parrokkjali u 14-il knisja oħra fil-limiti tal-Mellieħa ta' żmienu. Dwar dawn kiteb Alexander Bonnici fil-ktejjeb: Fik Ittamaw Missirijietna Ittamaw u Inti ħlisthom fl-1987 fl-Artiklu li jismu "Fis-sena 1575 Dusina jżur il-Mellieħa u jsibha batala għal-kollox. p.p.9-11. Dawk li jsemmi Alexander Bonnici f'din il-lista huma immarkati b'asterisk.

* (1) Il-knisja parrokkjali tal-Mellieħa sa l-1575 kienet il-knisja troglodita tal-Madonna bil-Bambin fi ħdana, liema knisja kellha u għad għandha d-dħul tagħha jħares lejn l-Għadira, lejn il-Gudja tal-Qammieħ u lejn il-Marfa.

* (2) Knisja oħra troglodita (Għar: Chiesa) kienet dik ta' San Niklaw ta' Mira, li wara i l-baħrin ta' Bari serqu il-ġisem tiegħu minn Mira, beda jkun magħruf bħalha S. Nikola ta' Bari, u ħatruh patrun tan-negozjanti baħħara. Illum f'dan il-Għar għadhom jidhru ħjilijiet ta' affreski. Hawn ta' min jgħid li wara dawk tal-Madonna, l-akbar għadd ta' knejjes fil-gżejjer tagħna kienu dawk f'ġieħ S. Nikola.

* (3) Knisja oħra fil-Mellieħa 'nfisha kienet dik ta' S. Ġorġ ftit 'il bogħod minn S. Niklaw. Din kienet għall-warrani tal-Mitħna fi dħul ir-raħal u qabel ma tilħaq il-Mitħna l-Maħruqa. Il-knisja kienet linja dritta ma ta' l-Ibraġġ (aktar minn torri wieħed). Kienet tishar u tgħasses il-Miżiep, il-Manikata, Għajn Tuffieħa ix-Xquq wiċ-Ċumnija, bħal ma S. Niklaw kien jishar fuq l-Għadira.

Illum l-aħrax tal-Mellieħa huwa imħares minn Knisja tal-Kunċizzjoni, mibnija fl-1961 minflok oħra li għadha teżisti fix-xifer.

Fil-palazz ta' Selmun kellhom ukoll kappella f'ġieħ il-Madonna tal-Ħelsien jew tal-Fidwa magħrufa wkoll bħala tal-Ħlas,jew tal-Grazzja. Billi il-kappella tal-Kastell ma għadhiex tintuża fl-1981-82 inbniet il-Knisja il-ġdida.

Mill-Mistra sa Għajn Tuffieħa insibu l-knisja ta' S. Ġużepp Ħaddiem li ġarrfuha is-sena l-oħra u li kienet inbniet fl-1959-60. Fil-Manikata hemm il-knisja il-qadima ta' S. Ġużepp li 'nbniet fl-1918 wil-ġdida li nbniet fl-1964-65.

* (4) Fil-Pwales, insibu l-knisja antikissima tat-Twelid tal-Madonna, aktar magħrufa bħala ta' S. Anna. Ninu Cremona fil-Fidwa tal-Bdiewa jsemmi din il-knisja u jqisha ġa mibnija fl-1427 fil-Qawmien kontra Monroy. Ipprofanata reġgħet infetħet mill-ġdid fl-1672. Il-knisja li tinsab fir-Raba' dari ta' Tumas Xara. Fil-festa tagħha 26 ta' Lulju il-bdiewa tal-inħawi ma jaħdmux, u fl-imgħoddi r-raħħala Melleħin tal-Pwales, il-Wardija u Burmarrad kienu jqattgħu dan il-jum ix-Xemxija jaħslu s-suf tan-nagħaġ, li kienu jkunu għadhom kemm ġiżżew. Din il-knisja li hija l-eqdem dedikata lit-Twelid tal-Madonna f'din ix-xaqliba ta' Malta sofriet fid-9 ta' Ġunju 1798, meta il-Franċiżi bdew jużawha bħala biċċerija u kċina għas-suldai ta' Napuljun fl-inħawi d-deskrizzjoni damet sa Settembru ta' l-istess sena. L-istess knisja intlaqtet ukoll bil-bombi fl-1942.

* (5) Fl-istess raba' fil-Pwales ukoll kienet teżisti wkoll fis-seklu XVI knisja ta' S. Ġwann.

* (6) Fuq ir-riħ tal-Pwales (xaqliba tal-Wardija) sewwa sew taħt xifer il-QALA għadha teżisti il-knisja ta' S. Martin. Fl-24 t'April 1466 il-miżżewġin Mikiel u Grezzja Zarb għamlu t-testment tagħhom favur din il-knisja għand in-Nutar Luqa Sillato. L-isfel mill-knisja hemm għar li jgħidulu l-Għar ta' S. Martin li fl-1931



*Il-knisja ta' Sant' Anna, Pwales/Xemxija.*



*San Pawl Milqgħi, Burmarrad*



*Il-knisja ta' San Pawl, San Pawl il-Baħar.*



*San Ġużepp, Manikata.*



*Il-knisja ta' San Gwann Battista fil-Wardija, magħrufa Tal-Ħareb.*

*Ritratti bil-kortesija tas-Sur T. Terribile, Sliema*

inbidel fi knisja f'ġieh il-Madonna ta' Lourdes. L-istatwa tal-Kunċizzjoni kien ħadimha Wiġi Muscat. Ħadd ma jaf kif tkissbet hemm l-istatwa ta' Bernardetta.

Illum fuq il-Wardija insibu: (a) il-Knisja tal-Madonna ta' l-Abbandunati imbierka fl-1690, desakrata u misruqa mill-Franċiżi fid-9 - 10 ta' Ġunju 1798. Il-knisja tinsab fil-limiti ta' Il-Ballut. (b) Fil-inħawi tal-'Imrieħa' bejn S. Xmun u S. Ġwann tal-Ħereb tinsab il-knisja tal-Grazzja imwaqqfa fl-1867. (c) Tmiss ma 'Villa Qannotta' tal-Baruni Gauci insibu l-knisja gotika ta' S. Xmun Appostlu, li nbniet fi żmien il-Gran Mastru Perellos (1697-1720). L-inħawi fejn hi mibnija jaħbat fuq ir-riħ ta' Wied Qannotta, magħrufa wkoll bħala Qalet el Habit. Ħdejn il-Bieb ta' din il-knisja fuq barra hemm ħawt tal-ġebel, qabel kien fil-knisja ta' S. Ġwann tal-Ħereb, li skond tradizzjoni kien il-ħawt li fih S. Pawl għammed lil Popilius? (d) Bejn S. Xmun u ta' l-Abbandunati insibu l-knisja ta' S. Ġorġ. Dik tal-lum inbniet fis-seklu XVII, imma qabel l-1642. Għaliha A. Ferris kiteb hekk: "... chiesa beneficiale di S. Giorgio ... quest-altra chiesa ... è di una vecchia data ... ", imma aħna ma nafux jekk l-oriġini tagħha jmurx għal qabel is-seklu XVI.

* (7) Il-knisja ta' S. Ġwann tal-Ħereb fuq il-Wardija li tinsab fuq art li kienet ta' Ferdinandu de Guevara, kienet ġiet ipprofanata fl-1610 skond iż-żjara pastorali ta' Cagliares tal-1617, u skond xhieda mgħotija minn Mark-Antonju Axiaq fl-1690 quddiem l-Isqof Molina, jidher li din il-knisja, ferm qabel kienet isservi ta' Viċi-parroċċa tal-Mellieħa. Jista' jkun li kien propju dan il-fatt li nebbet l-għidut dwar il-Ħawt tal-magħmudija li semmejna, jiġifieri li HAWN S. Pawl għammed lil Popilius!! Wieħed ma jridx jinsa li S. Ġwann Battista huwa patrun tal-Magħmudijiet.

(8) Fl-inħawi ta' Busewdien fil-Wardija wkoll fl-1537 tissemma il-'contrata di S. Pancrazio'. Tgħid kien hemm knisja f'ġieh dan il-qaddis?

(9) F'Qalet EL HABIT (sive Wied Qannota) taħt ir-riħ tal-Wardija, wieħed għadu jista' jaqra sal-lum skrizzjoni komposta minn abbrevjazzjonijiet taljani datata 15 ta' Settembru 1705. Din l-iskrizzjoni tindika li l-art kienet tal-knisja antika tas-Salvatur. Ma ċċekkjajniex jekk din l-allużjoni hijiex għal xi knisja f'ġieh is-Salvatur hemmhekk - esistenti qabel - jew jekk hijiex għall-knisja tas-Salvatur tal-Imdina. L-iskrizzjoni tinqara hekk:

CLARANELLA CONTA
CALHET ELHABITSIVE
DIVVID CANDEL VCHI
DEL SSMO SALVATORE
DATA CENSO A DOMENTI
SANT PER TERZA GENERA
IN ATTIDONOTO GOI GAET
GRECH 21 IX xiiii ind 1705

u li tfisser hekk:

Clausura nella contrada
Calhet El Habit sive
Di Wied Cannotta Della
Vecchia Chiesa Del Santissmo
Salvatore
Data Censo a Domenico
Sant per terza Generazione
In Atti di Notaro Giovanni
GaetanoGrech 21 IX xiiii
Ind. 1705

(10) F'Wied Qannota wkoll il-knisja ċkejkna tal-Kunċizzjoni imtellgħa fuq l-għaqba, minn Nobbli Garcia Mompalao li fl-1581-82 insibuh wieħed fost il-Ġurati t'Għawdex.

Nerġgħu nidħlu lejn San Pawl il-Baħar fejn insibu llum tliet knejjes: (a) Il-Knisja tal-Karmnu tal-bandieri (jew Bandalieri) (f'tal-Maħruq) li nbniet fl-1854-1855. (b) Il-Knisja Parrokkjali u Matriċi tad-Duluri li inbniet fl-1902-1905, u darba lesta, fl-istess jum li tbierket ġiet mgħollija għall ġieh ta' Parroċċa fid-9 t'April 1905.

* (11) Knisja antika ferm hija dik ta' S. Pawl tal-Ħuġġieġa. Dik tal-lum inbniet fl-1950 min-minflok dik li kien bena il-Gran Mastru Wigancourt fl-1615 li kienet iġġarrfet b'bomba Tedeska fl-20 ta' Marzu 1942. Il-knisja ta' qabel Wignacourt, li xi wħud jaħsbu li kienet f'xifer il-baħar sewwa sew minflok fejn huwa it-torri (infatti hemm tidher immarkata fil-mappa ta' Quintinus tas-seklu XVI) kienet inbniet mill-familji Bordino u Inguanez, minflok oħra jew oħrajn eqdem. Jingħad li dan is-Santwarju 'nbena fil-lok fejn il-Maltin taw merħba u qabbdu ħuġġieġa fejn S.

*Il-Madonna tal-Karmnu, Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar.*



*Ritratti bil-kortesija tas-Sur T. Terribile, Sliema*



*San Martin tal-Pwales, San Pawl il-Baħar.*



*Santa Margerita, Għajn Riħana, Mosta/ Burmarrad.*

Pawl u sħabu qabdu l-art wara l-inkaljar tal-ġifen Alessandrin f'Novembru tas-sena 60 w.k. Meta saret it-translazzjoni ta' l-istatwa tal-Bambina tal-Mellieħa mill-Belt, din kienu waqfuha f'dan is-Santwarju u kienet saret fjakkolata fuq il-bini eżistenti dik il-ħabta f'S. Pawl il-Baħar.

Knisja ġdida f'Bugibba hija dik dedikata lil S. Massimiljanu Kolbe, knisja li ġiet ikkonsagrata fit-18 t'Awissu 1979. Minn Bugibba noħorġu lejn il-Qawra fejn f'garage insibu l-knisja temporanja ta' S. Luqa. Hemm il-ħsieb li tinbena knisja f'Tal-Veċċ Bugibba biex tintlaħaq min-nies tal-Qawra wkoll. Mill-Qawra noħorġu lejn is-Salini wil-parroċċa ta' Burmarrad. Tradizzjoni ħelwa tgħidilna li s-Salib imwaqqaf fis-seklu XVIII sewwa sew f'nofs is-Salini, kien twaqqaf sabiex jindika u jifred il-limit l-antiki tal-Mellieħa minn dawk tan-Naxxar.

* (12) Qrib hawn, sewwa sew ħdejn il-Katakombi Kristjan tas-seklu IV insibu l-knisja tal-Lunzjata li nbniet minn ġebel maqtugħ mill-istess katakombi fil-bidu tas-seklu XVI. Fiha hemm wkoll kwadru ta' S. Filippu u S. Ġakbu appostli; ta' l-Ewwel biex ifakkar knisja oħra esistenti fis-seklu XVI f'ġieh S. Filippu * (13).

Fl-imgħoddi f'jum Lapsi n-nies tan-Naxxar kienet tinżel proċessjonalment f'din il-knisja biex tfakkar mill-helsien tal-Assedju tal-1429, drawwa li nbdiet meta il-parroċċi ma baqgħux jitilgħu l-Imdina biex iwettqu l-wegħda fi proċessjoni li kienet issir hemm,mill-Katidral għall-Knisja tas-Salvatur li kienet fuq is-Sur.

* (14) Ftit aktar 'il ġewwa fl-Imdawwra (Tal-Qadi) fejn il-għalqa tal-Ghafrid insibu li fl-1541 tissemma l-knisja ta' S. Mikiel. Hemm xi rabta bejn l-isem "tal-Għafrid" u x-xitan ta' S. Mikiel?

* (15) Fl-inħawi tal-Qadi wkoll fl-1557 jissemma lokal : "Ta' Bieb San Ġorġ" li jindika li fl-inħawi kien hemm knisja f'Ġieħ S. Ġorġ (Ara Civilization No. 7).

(16) Fil-Magħtab ukoll fl-1610 jissemma lokal Ta' Bieb il-knisja, indikazzjoni li kien hemm xi knisja (Ara Civilization No. 7).

Fuq ix-Xaqliba l-oħra ta' Burmarrad insibu il-Knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Marija, knisja li tbierket fit-30 t'April 1961 u eretta f'parroċċa fit-18 ta' Jannar 1971.

* (17) Fuq Għaqba taħt Ġebel Għawżara hemm il-knisja ta' S. Pawl Milqi. Dik tal-lum hija mibnija fuq fdalijiet ta' Żewġt knejjes oħra mibnija qabilha. Tissemma żgur fl-1488 u dak iż-żmien kienet diġà msejjħa 'Veneranda'. Il-knisja hija mibnija fuq biċċa art jgħidulha ta' Bjengi, u hija magħrufa wkoll bħala tal-Pintichir, ta' Binkir, ta' Bincir.

(18) F'tarf Burmarrad insibu wkoll il-Knisja ta' S. Margerita V. M. ta' Għajn Rihana. Dik tal-lum inbniet mill-ġdid fis-seklu XVII. Tgħid hija l-istess waħda li fl-1546 kienet magħrufa bħala S. Margarita ta' Wied il-Għasel (Ara Civilization No. 25). Hawn ta' min jgħid li S. Margarita hija waħda mill-HMISTAX-IL QADDIS AWSILJATURI TAL-KNISJA. Dawn kienu: S. Ġorġ, San Bjaġju, S. Erasmu, S. Pantaleone, San Vito, S. Cristoforo, S. Dijonisju, San Ċiriaċu, San Akaċju, S. Ewstakju, S. Eġidju/Manju, Santa Margarita, Santa Caterina u Santa Barbara.

(19) Fl-inħawi ta' Għajn Rihana qrib il-Bistra fl-1586 tissemma il-'contrata Sancti Zaccarie'. Tgħid kien hemm ukoll knisja f'ġieh S. Żakkarija (Ara Civilization No. 15)

Qabel nidħlu l-Mosta ta' min isemmi li fuq il-Bidnija fl-1617 inbniet il-knisja tas-Sagra Familja.

* (20) Fuq ir-riħ tat-Tarġa fil-bidu tal-Mosta f'Ħal DMIEGĦ int u dieħel lejn Misraħ Għonoq għad hemm il-knisja ta' S. Indirja il-'CHARES' (Ħares: Ħarries jew Qares?) patrun tas-Sajjieda. Forsi il-knisja inbniet hemm fuq biex min hemm iħares lis-Sajjieda meta kien jmorru lejn is-Salini u lejn S. Pawl il-Baħar.

* (21) Il-barra minn Naxxar imma aktar lejn il-Mosta Dusina jsemmi wkoll Knisja f'ġieh S.Ġorġ. (Ara Cumbo: Ħajja ta' S. Ġorġ p. 128, San Ġorġ Dejjem Ħarisna ta' John Bezzina p. 28)

* (22) Knisja ta' S. Pawl l-Ewwel Eremita mibnija f'Għar f'Wied il-Għasel.

* (23) Knisja ta' S. Filep.

* (24) Knisja ta' Santa Katerina V.M. Hija wkoll waħda mill-qaddisin Awsiljaturi.

* (25) Tal-Virtù jew tal-Visitazzjoni, knisja oħra troglodita fil-Mosta.

* (26) Il-knisja ta' S. Marija taż-Żebbiegħ.

**- Jissokta -**